IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 173/24
Il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-541/20 sa C-555/20 | Il-Litwanja *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pakkett dwar il-mobbiltà)

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-validità tal-parti l-kbira tal-Pakkett dwar il-mobbiltà

*Madankollu, hija tannulla l-obbligu tar-ritorn tal-vetturi kull tmien ġimgħat fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma stabbilixxiex li kellu quddiemu biżżejjed informazzjoni li kienet tippermettilu jevalwa l-proporzjonalità ta' din il-miżura*

Il-Litwanja, il-Bulgarija, ir-Rumanija, Ċipru, l-Ungerija, Malta u l-Polonja [1] ppreżentaw quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rikorsi għall-annullament diretti kontra l-Pakkett dwar il-mobbiltà [2], adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri mill-Parlament u mill-Kunsill [3], fl-2020.

Dawn l-Istati Membri kienu qegħdin jikkontestaw, b'mod partikolari:

1. il-projbizzjoni għax-xufiera li jieħdu l-mistrieħ normali [4] jew kumpensatorju [5] ta' kull ġimgħa fil-vettura [6];
2. l-obbligu għall-impriżi tat-trasport li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera tagħhom b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu f'pożizzjoni li jirritornaw, matul il-ħin tax-xogħol [7], kull tlieta jew erba' ġimgħat [8], fiċ-ċentru operattiv tal-impriża jew fil-post ta' residenza tagħhom, sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu minn tal-inqas il-ħin ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom;
3. it-tqassir tat-terminu [9] għad-dħul fis-seħħ tal-obbligu li jiġu installati takografi intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni kif ukoll, b'mod ġenerali, l-iffissar tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni u tal-obbligu msemmija iktar 'il fuq;
4. l-obbligu, għall-vetturi użati għat-trasport internazzjonali, li jirritornaw f'ċentru operattiv li jkun jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata kull tmien ġimgħat;
5. il-perijodu ta' stennija ta' erbat ijiem li matulu, wara ċiklu ta' kabotaġġ [10] imwettaq fi Stat Membru ospitanti, it-trasportaturi (mhux residenti) ma jkunux awtorizzati jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bl-istess vettura fl-istess Stat Membru;
6. il-klassifikazzjoni tax-xufiera bħala "ħaddiema kkollokati" meta jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ, operazzjonijiet ta' traspost minn Stat Membru lejn ieħor li l-ebda wieħed minnhom ma jkun l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport (imsejħa "operazzjonijiet ta' trasport terz") [11] jew ċerti operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat [12], b'tali mod li jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg, b'mod partikolari fir-rigward tar-remunerazzjoni, fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti [13].

**Permezz tas-sentenza tal-lum tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikorsi, ħlief sa fejn huma diretti kontra l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi, li hija tannulla [14]. Fil-fatt, il-Parlament u l-Kunsill ma stabbilixxewx li, meta adottaw din il-miżura, kellhom quddiemhom informazzjoni biżżejjed li kienet tippermettilhom**

**jevalwaw il-proporzjonalità ta' dan l-obbligu.**

**Mill-bqija,** il-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-argumenti tal-Istati Membri rikorrenti dwar, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, il-politika komuni tat-trasport, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-libertà ta' stabbiliment, il-moviment liberu tal-merkanzija, il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif ukoll il-protezzjoni tal-ambjent. Hija tqis li **l-leġiżlatur tal-Unjoni ma qabiżx b'mod manifest il-limiti tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu f'dan il-qasam**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport hija suġġetta għal regoli partikolari. Fil-fatt, **l-impriżi tat-trasport għandhom dritt għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi esklużivament sa fejn dan id-dritt ikun ingħatalhom permezz ta' miżuri adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bħalma huma dawk li jagħmlu parti mill-Pakkett dwar il-mobbiltà.** Barra minn hekk, dan il-pakkett ta' miżuri ma jipprojbixxix lill-impriżi tat-trasport milli jużaw il-libertà ta' stabbiliment bil-ħolqien ta' sussidjarji fl-Istati Membri li fihom ikollhom l-intenzjoni jwettqu l-operazzjonijiet ta' trasport u milli b'hekk jistabbilixxu ruħhom iktar qrib id-domanda reali għas-servizzi tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi wkoll li, permezz tal-Pakkett dwar il-mobbiltà, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-għan li jiżgura **bilanċ ġdid bejn id-diversi interessi inkwistjoni, jiġifieri, b'mod partikolari, l-interess tax-xufiera li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet soċjali tax-xogħol aħjar u l-interess tal-persuni li jimpjegaw li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' trasport tagħhom f'kundizzjonijiet kummerċjali ġusti**. Għaldaqstant, is-settur tat-trasport bit-triq għandu jkun iktar sigur, effikaċi u soċjalment responsabbli.

Il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis li, fid-dawl ta' dan il-bilanċ mill-ġdid li kien meħtieġ, protezzjoni soċjali aħjar għax-xufiera setgħet twassal għal **żieda fl-ispejjeż sostnuti minn ċerti impriżi tat-trasport**. Ir-regoli adottati għal dan il-għan huma proporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex. Barra minn hekk, dawn ir-regoli japplikaw mingħajr ebda distinzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha u ma jagħmlux diskriminazzjoni kontra l-impriżi tat-trasport stabbiliti fl-Istati Membri li jinsabu fl-hekk imsejħa "periferija tal-Unjoni". Fil-każ li dawn ir-regoli jkollhom impatt ikbar fuq ċerti impriżi, dan ikun għaliex ikunu għażlu mudell ta' operat ekonomiku li jikkonsisti fil-provvista tal-parti essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom lil destinatarji stabbiliti fi Stati Membri mbiegħda mill-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom.

F'dak li jirrigwarda **l-projbizzjoni li mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura,** din **ma hijiex projbizzjoni ġdida** iżda kienet diġà tirriżulta mil-leġiżlazzjoni preċedenti kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja [15].

**L-obbligu għall-impriżi tat-trasport li jippermettu lix-xufiera jirritornaw regolarment fiċ-ċentru operattiv tal-impriża jew fil-post ta' residenza tagħhom** sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu minn tal-inqas il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom ma jippreklud ix lix-xufiera milli jagħżlu huma stess il-post fejn jixtiequ jqattgħu l-mistrieħ tagħhom. Barra minn hekk, l-impriżi jistgħu jabbinaw dan ir-ritorn ma' ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tagħhom fil-kuntest tal-attivitajiet normali tagħhom jew jorganizzawh bl-użu tat-trasport pubbliku, b'tali mod li dan l-obbligu ma jkollux neċessarjament konsegwenzi negattivi għall-ambjent.

F'dak li jirrigwarda **r-regoli dwar il-kollokament**, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni, għal kull tip ta' operazzjoni ta' trasport bit-triq, ir-rabta bejn, minn naħa, is-servizz ipprovdut u, min-naħa l-oħra, l-Istat Membru ospitanti jew l-Istat Membru ta' stabbiliment, u dan sabiex jasal għal bilanċ ġust bejn id-diversi interessi inkwistjoni. Dawn ir-regoli, f'dak li jirrigwarda l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, ma ġewx emendati bil-Pakkett dwar il-mobbiltà, filwaqt li kienu diġà jirriżultaw, essenzjalment, mill-qafas regolamentari preċedenti f'dak li jirrigwarda l-operazzjonijiet ta' "trasport terz".

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, permezz tal-Pakkett dwar il-mobbiltà, il-leġiżlatur tal-Unjoni wettaq ukoll bilanċ ġdid li ħa inkunsiderazzjoni l-interessi tad-diversi impriżi tat-trasport filwaqt li rrimedja d-diffikultajiet li kienu ħarġu fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1072/2009 [16] minħabba prattiki li jmorru kontra n-natura temporanja li għandu jkollha l-**operazzjoni ta' kabotaġġ**.

B'hekk, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-**perijodu ta' stennija** għall-kabotaġġ, hija tenfasizza li dan il-perijodu huwa intiż, konformement mal-għan li kien diġà mfittex mil-leġiżlazzjoni preċedenti, li jiggarantixxi li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa fl-Istat Membru ospitanti. Dan il-perijodu jipprojbixxi biss, matulu, l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti, iżda ma jipprekludix it-twettiq ta' operazzjonijiet ta' trasport oħra, bħalma huma l-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali jew lejn l-Istat Membru ta' stabbiliment jew lejn Stati Membri oħra, segwiti, jekk ikun il-każ, minn operazzjonijiet ta' kabotaġġ f'dawn l-Istati Membri l-oħra.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Il-Belġju, l-Estonja u l-Latvja sostnew ukoll, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, lil wieħed jew iktar minn dawn l-Istati.

[2] Dan il-pakkett huwa kkostitwit, b'mod partikolari, (1) mir-**Regolament (UE) 2020/1054** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi, (2) mir-**Regolament (UE) 2020/1055** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq, u (3) mid-**Direttiva (UE) 2020/1057** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar [għall-kollokament] tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

[3] Id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u l-Isvezja sostnew, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Parlament u/jew lill-Kunsill.

[4] Ta' minn tal-inqas 45 siegħa.

[5] Jiġifieri iktar minn 45 siegħa meħuda bħala kumpens għat-tnaqqis ta' perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa preċedenti. It-teħid tal-pawżi u tal-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum (ta' minn tal-inqas disa' sigħat) u l-perijodi ta' mistrieħ imnaqqsa ta' kull ġimgħa (iqsar minn 45 siegħa iżda mhux inqas minn 24 siegħa) abbord il-vettura għadu awtorizzat.

[6] Dawn il-perijodi ta' mistrieħ għandhom jittieħdu f'post ta' akkomodazzjoni adegwat kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel li jkollu faċilitajiet għall-irqad kif ukoll faċilitajiet sanitarji adegwati. L-ispejjeż relatati għandhom jitħallsu mill-persuna li timpjega.

[7] L-impriża tat-trasport għandha, bħala prinċipju, torganizza bi spejjeż tagħha r-ritorn tax-xufier, sakemm dan tal-aħħar ma jagħżilx li jirrinunzja, f'ċerti okkażjonijiet, għal tali ritorn.

[8] Il-perijodu ta' erba' ġimgħat jitqassar għal tliet ġimgħat meta x-xufier ikun diġà ħa żewġ perijodi mnaqqsa konsekuttivi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa.

[9] B'disa' snin u nofs jew b'disa' snin, skont it-tip ta' takografu li jkun hemm fil-vettura.

[10] Operazzjoni ta' kabotaġġ hija operazzjoni mwettqa fi Stat Membru minn trasportatur li ma jkunx stabbilit f'dan tal-aħħar. Tali operazzjonijiet huma permessi kemm-il darba ma jitwettqux b'mod li tinħoloq attività permanenti jew kontinwa f'dan l-Istat Membru.

[11] Xufier li jwettaq tali operazzjoni ta' trasport "terz" jitqies li jkun ikkollokat peress li dan ix-xufier u dan l-operazzjoni ikollhom rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

[12] Jiġifieri operazzjonijiet ta' trasport ta' merkanzija bejn Stati Membri li fil-kuntest tagħhom it-trakk, jew mezz ieħor għat-trasport tal-merkanzija marbut mat-trakk, juża t-triq għall-parti tal-bidu jew tal-aħħar tal-vjaġġ u, għall-parti l-oħra, il-ferrovija, kanali interni ta' ilma jew vjaġġi fuq il-baħar. Xufier ma jitqiesx li jkun ikkollokat meta jwettaq il-vjaġġ bit-triq, tal-bidu jew tal-aħħar, ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat jekk dan il-

vjaġġ bit-triq, ikkunsidrat waħdu, ikun jikkonsisti f'operazzjonijiet ta' trasport bilaterali. F'dan l-aħħar każ, in-natura tas-servizz ipprovdut matul l-imsemmi vjaġġ tkun marbuta mill-qrib mal-Istat Membru ta' stabbiliment.

13 Għall-kuntrarju, ma jitqisux li jkunu kkollokati x-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport "bilaterali" (bejn l-Istat Membru ta' stabbiliment u Stat Membru ieħor), rispettivament, ta' merkanzija jew ta' passiġġieri, jew operazzjonijiet ta' tranżitu li fil-kuntest tagħhom ix-xufier jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru mingħajr, bħala prinċipju, ma jgħabbi jew iħott merkanzija u mingħajr ma jgħabbi jew iniżżel passiġġieri.

14 B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055 li jipprevedi dan l-obbligu.

15 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Diċembru 2017, Vaditrans, C-102/16 (ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa Nru 145/17).

16 Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija.